MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira

# IS-SEBGĦA LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 40

[Nhar it-Tlieta l-11 t' April 2017]

Il-Kunsilli Lokali l-Gżira ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 283/1 Rue D'Argens, il-Gżira], fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Conrad Borg Manche – Sindku
Ralph Mangion– Viċi Sindku
Neville Chetcuti – Kunsillier
Wayne Hewitt – Kunsillier
Jeremy Cardona– Kunsillier
Graziella Schembri – Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Joseph Galea – Kunsillier

ASSENTI

N/A

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Anthony Attard – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Conrad Borg Manche ippresieda l-laqgħa.

## 40.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

40.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Viċi Sindku Ralph Mangion għandu jasal wara s-6pm.
Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-kunsillier Joe Galea għadu l-isptar. Il-kunsillier Neville Chetcuti qal illi s-sur Galea kellu jirritorna d-dar dakinhar tal-laqgħa. Il-kunsilliera kollha bagħtu xewqat sbieħ lis-sur Galea.

## 40.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

40.2.1 Is-Sindku qal illi għandu jagħti informazzjoni lil tal-Gladiators rigward l-użu tal-grawnd iżda għalissa m'għandu l-ebda update [ref punt 39.2.4]

40.2.2 Il-kunsillier Jeremy Cardona rċieva stima ta' €1674 biex issir il-graffiti mal-ħajt tal-Housing Estate [ref punt 39.2.6]. Qal ilil se jkun hemm sitt artisti. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi mhux possibbli li nħalsu iżjed minn €1165 mingħajr ma noħorġu talba għal stima. Il-Kunsill qabel illi nagħmlu ħajt minnhom għalissa ħalli noħorġu nofs il-prezz.
Il-kunsillieri Neville Chetcuti qal illi, bħala etika, għandna nikkonsultaw ma min jgħix hemm jekk se mmissu l-ħitan tad-djar tagħhom.
Is-Sindku qal illi jixtieq illi jdaħħlu l-element tal-ambjent. Ippropona li nagħmlu laqgħa ma min se jieħu ħsieb ix-xogħol. Il-kunsillier Jeremy Cardona ssekonda l-proposta.

**Il-Viċi Sindku wasal fis-6.05pm**

40.2.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi se ssir il-culling tal-ħamiem fid-29 t'April [ref punt 39.2.7].
Il-kunsilliera Graziella Schembri qalet illi peress illi ma kinitx preżenti fil-laqgħa preċedenti tixtieq tgħid illi hi ma taqbilx ma dan ix-xogħol. Wara diskussjoni fejn il-kunsillieri esprimew li huma kontra l-qtil tal-annimal, kien hemm qbil bejn il-maġġoranza li sfortunatament m'hemm l-ebda soluzzjoni aħjar u li dawn il-ħamiem huma ta' periklu għas-saħħa tan-nies.
Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa lill-Kunsill jekk għandhomx favur id-deċiżjoni tagħhom li ħadu fil-laqgħa preċedenti. Il-kunsilliera qablu barra l-kunsilliera Graziella Schembri.
Il-kunsillier Neville Chetcuti qal ukoll illi min qed jieħu ħsieb dan ix-xogħol qed jagħmel kollox mingħajr interessi u għamel proposta biex il-Kunsill iħallas għaċ-ċomb. Il-Kunsill qabel.

40.2.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi bagħat emajl lill-avukata tad-DLG għad-direzzjoni legali biex l-istreet hawkers jingħataw permessi biex jaħdmu mill-off-street parking jew fuq il-Promenade [ref punt 39.2.8]

40.2.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċieva feedback mir-residenti ta' triq Antonio Sammut u minn triq il-Madonna tal-Ġebla [ref punt 39.3.1]. Qal illi l-maġġoranza qablu li d-direzzjoni tat-traffiku ssir one-way minn Upper St. Albert sa triq Emanuel Giordano. Kien hemm suġġerimenti li l-flow tat-traffiku ssir bil-maqlub jew li nistennew sakemm jispiċċaw ix-xogħolijiet relatati mal-proġett ta' Kappara. Il-kunsillieri ma qablux ma dawn il-proposti u li nimxu mal-proposta oriġinali tal-Kunsill.
Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi se jibgħat it-talba lil TM.

40.2.6 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi s'issa ma rċieva l-ebda update mingħand tal-LifeLongLearning [ref punt 39.3.5] iżda żied illi t-TCTC jixtiequ joffru kors 'Robotico' għat-tfal. Il-Kunsill qabel illi l-ewwel naraw x'domanda hemm għall-kors.

40.2.7 Rigward punt 39.7.1, is-Sindku qal illi se ssir wara l-eżamijiet tal-Universita.

## 40.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

40.3.1 Il-Kunsill rċieva talba biex issir Mobile dental clinic ġol-lokalita nhar ta' Tnejn 22 ta' Mejju bejn id-9am u 12.30pm. Il-kunsillieri qablu.

40.3.2 RLR Yachting bagħtu talba għal Un/Loading Bay barra l-premises tagħhom quddiem il-ġnien. Il-Kunsill jixtieq jara x'ħinjiet għandom bzonn.
Fuq dan il-punt il-Kunsill żied illi hemm bzonn illi nagħmlu policy rigward il-ħinijiet tal-Un/Loading bays. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi fil-passat il-Kunsill kien diġà ħa deċiżjoni li ssiru bejn it-8am u s-2pm. Biex jinbidlu dawk eżeztenti hemm bzonn tal-go ahead ta' TM.

40.3.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-MTA bagħtu emajl biex jaraw jekk Munchie Moose għadu qed juża l-Public Conveniece bħala toilets tal-premises peress illi dan kellu l-go ahead mill-Kunsill f'2013. Il-Viċi Sindku Ralph Mangion qal illi dan għandu portable toilets illum
Fuq dan il-punt il-kunsillier Jeremy Cardona qal illi rċieva lmenti li l-Bus Stop Kiosk qegħdin jagħlqu l-Public Convenience u għamlu bieb ma żewġ toilets għall-użu tal-klijenti tagħhom.
Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċieva l-istess ilmenti u għaraf lis-sid illi ma jistax ikompli jaħdem hekk, u li l-Public Convenience huwa tal-pubbliku.

40.3.4 Is-Sindku qal illi l-MSDC jixtiequ jagħmlu użu ta' sular wieħed tac-Civic Centre u li huma lesti jħallsu għall-bini tas-sular tagħhom. Qal illi huma lesti jinvestu sa €1.6miljun biex jużaw il-Gżira bħala integration centre. B'dan il-flus huma jixtiequ jagħmlu attivitajiet fil-lokalita u jagħmlu użu ta' sular.

**Is-Sindku ħareġ mill-kamra fis-6.40pm**

Il-kunsillier Wayne Hewitt qal illi ma jaqbilx illi jibnu sular huma, iżda li nħalsu kollox aħna u li huma jikru sular mingħandna. Waqt diskussjoni l-kunsillieri esprimew il-ħsibijiet tagħhom fejn intqal illi l-Kunsill għandu jkollu kontroll fuq l-affarijiet li se jsiru fil-lokalita u b'hekk hemm bzonn ta' konsultazzjoni bejn il-Kunsill u l-MSDC għall-attivitajiet.

**Is-Sindku daħal lura fil-kamra fis-6.42pm**

Il-Kunsill qabel illi niddiskutu l-proposti flimkien mal-MSDC.

## 40.4 Mistoqsijiet mill-kunsilliera

40.4.1 Il-Viċi Sindku staqsa dwar il-possibilita li ssir barrier ġewwa Gżira Road c/w ix-Xatt. Il-Kunsill qabel

40.4.2 Il-Viċi Sindku staqsa jekk jista jsir parking minflok il-bankina wiesa li hemm ġewwa Pjazza Meme Scicluna, fejn hemm il-monument.
Is-Sindku qal illi jaqbel mal-proposta u li hemm il-pjan illi nsebħu l-area.
Il-kunsillier Neville Chetcuti għaraf illi fl-assenza tal-kunsillier Joseph Galea huwa importanti li wieħed jiftakar illi fil-passat hu kellu oġġezzjoni li l-ħsieb isir realtà.

## 40.5 Rapporti

40.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-evaluators tat-tender tal-karozza qablu mal-offerta ta' Avantech Ltd li kien l-uniku bidder għal €14,000. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi xorta se jkun hemm bzonn xi xogħolijiet fuq il-karozza biex tkun fume proof. Kien hemm qbil illi tinxtara.

40.5.2 Tower Cranes:

Carlo Manche: Il-Kunsill irċieva talba biex isir Tower Crane ġewwa triq Carlo Manche.
Il-kunsilliera Graziella Schembri qalet illi ma tistax taċċetta li nagħtu l-approvazzjoni fuq it-Tower Cranes meta hemm ir-residenti li qegħdin ibagħtu minħabba l-istorbju u trabijiet. Qalet ukoll illi ma tistax tifhem kif il-Kunsill ma jistax jieħu azzjoni la l-kuntratturi għandom l-approvazzjoni tal-P.A. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill għandu jkun ċert illi x-xogħolijiet isiru skond ir-regolamenti.
Is-Sindku qal illi l-kuntratturi għandom dritt jaħdmu wkoll anka jekk il-Kunsill ma jaqbilx li qed issir dal-kostruzzjoni kollu. Żied illi aħjar isiru Tower Cranes milli krejnijiet normali minn fejn joħroġ ħafna duħħan u storbju.
Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar illi hemm bzonn ta' mhux inqas minn 3.8mtrs sal-bankina l-oħra biex jagħdu karrozzi, kif ukoll illi rrid ikun hemm passageway għall-pedestrians.
Wara diskussjoni kien hemm qbil illi jingħata permess bil-kundizzjoni li jkun hemm aċċess għall-pedestrians u karozzi.

**Il-kunsillier Wayne Hewitt telaq mill-kamra fit-7.40pm**

Coleridge: Kien hemm talba biex issir Tower Crane mal-kantuniera ta' triq Belvedere. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għandom iħallu 5 metri mill-kantuniera ħalli l-vetturi jidħlu sew.
Il-Kunsill qabel mal-permess bil-kundizzjoni li jkun hemm aċċess għar-residenti u għall-vetturi. Il-Kunsill iddiskuta wkoll il-proposta tas-Sindku biex it-triq issir one-way minn Ponsomby sa Belvedere. Kien hemm qbil illi jingħata permess meta l-one way system tkun in force.

Manoel de Vilhena: Kien hemm talba għal Tower Crane ġewwa Manoel de Vilhena. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ltaqa mal-kuntrattur u jemmen illi dan mhux se jħalli aċċess għan-nies jekk jarma it-Tower Crane [għal sena]. Is-Sindku ppropona li jarma t-Tower Crane fil-parapett tiegħu ġewwa Rue D'Argens. Il-Kunsill ma tax permess biex jarma l-krejn ġo Manoel de Vilhena.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi se jara l-ewwel jekk il-kuntratturi huma lesti jaħdmu minn ġewwa. Fl-istess ħin ippropona li nibdew nibagħtu perit biex jara jekk hemm bzonn ta' Tower Crane ħalli nieħdu parir professjonali u li l-kuntratturi jħallsu għall-onsite inspections. Qal illi se jara kif nistgħu naħdmu.

40.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qara talba għal kumpens ta' €1375 minn persuna li kellu aċċident minħabba gulley maqluha ġo triq Reggie Miller. Kompla jgħid illi ma kien hemm l-ebda provi tal-ħsara u li ġie nnotifikat illi anqas hemm gulleys fit-triq. Il-Kunsill ma qabilx illi jitħallas.

## 40.6 *Kunsiderazzjoniji u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tas-sotto Kumitat [Kultura]*

Is-Sindku ta informazzjoni dwar dak illi ġie diskuss bejn il-membri tal-Kumitat

40.6.1

Carlo Manche: Għall-attivita f'isem Carlo Manche, is-Sindku qal illi se ssir nhar l-Erbgħa 10 ta' Mejju u fost il-mistiednin hemm il-Prim Ministru u l-Arċisqof. Qal illi l-attivita se ssir fis-7.30pm. Wara diskussjoni ġie deċiż illi l-Kunsill jieħu ħsieb il-plakka u ftit ikel u xorb. Fuq dan il-punt is-Segretarju Eżekuttiv fakkar illi fil-passat ġie deċiż illi fl-istess ħin nieħdu ħsieb l-inawgurazzjoni tal-Gżira Gate. Il-Kunsill qabel illi ssir nhar il-Ħamis 11 ta' Mejju u li se jiġu mistieden il-barruni u Muscat Motors.

Jum il-Gżira: Ġie diskuss il-possibilita li ssir tema 'back to the sixties'. Il-Kunsill għandu jieħu ħsieb il-band, dawl, sound, DJ, snippets fuq Manoel Island u l-midja. L-attivita se ssir fil-ġnien. Kien hemm proposta li nagħmlu presentation fuq is-sur Anthony Scicluna. Il-kunsill qabel.

Albert Rizzo memorial: Il-kunsillieri Ralph Mangion u Neville Chetcuti qalu li ma jaqblux mal-ispejjez għall-attivita. Fakkru li diġà ntefqu ħafna spejjez għall-monument u li l-Kunsill ħa deċiżjoni biex ma jonfoqx ħafna spejjez fuq l-attivita ta' Carlo Manche u b'hekk ma jistax ikun illi nonfqu il-flus fuq attività oħra. Il-Kunsill qal illi m'hemmx bzonn gazeebo u floodlights u anqas 100 siġġu. Bħala drinks qablu li jkun hemm ftit inbid biss.
Il-Kunsill qablu li noħorġu nofs l-ispejjez aħna.

Drama: Il-Kunsill qabel mal-iskop illi nuzaw id-drama bħala attività soċjali fil-kommunita fejn ġie propost illi t-tfal u n-nanniet jieħdu sehem flimkien. Il-Kunsill qabel iżda jixtiequ jkunu jafu kemm se jiswa biex isiru dawn is-70 lezzjoni [40 għat-tfal u 30 għat-tfal/nanniet].

Il-kunsilliera Graziella Schembri telqet fit-7.55pm

## 40.7 *Mozzjonijiet*

40.7.1 Is-Sindku qal illi mhux se jressaq mozzjoni għax kien hemm ftit żviluppi fuq Manoel Island. Qal illi kien preżenti quddiem il-bord tal-P.A flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u ma rappreżentanti tal-Midi, fejn il-Midi aċċettaw illi jwaqqaw l-applikazzjoni tagħhom biex jagħmlu fencing madwar Manoel Island. Qal illi se ssir 'agreement' bejn il-Kunsill u l-Midi li trid tintbagħat lill-PA.

## 40.8 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

40.8.1 Il-Viċi Sindku qal illi hemm bzonn illi nnadfu l-mirji fil-lokalita

40.8.2 Is-Sindku ppropona li ssir proġett 'pedestrian priority' f'triq Manoel de Vilhena bejn l-Esquire u x-Xatt. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ltaqa mal-Perit fuq il-post u se jiġi diskuss nhar it-Tlieta 18 t'April.

40.8.3 Is-Sindku qal illi hemm bzonn illi ssir it-tender għas-CCTV madwar il-lokalita.

**Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għaddew tlett sigħat u l-kunsillieri approvaw li jkomplu l-aġenda.**

40.8.4 Il-kunsillier Jeremy Cardona qal illi hemm skip għall-ħwejjeġ ġewwa Sliema RD. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-kuntrattur irċieva l-go ahead mill-Kunsill fit-28 t'Awwissu tas-sena l-oħra iżda diġà għamel talba biex titneħħa minn hemm. Il-kunsilliera għandom jagħtu suġġerimenti fejn tista titpoġġa.

40.8.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hemm ħaddiem ieħor tal-JobPlus biex jaħdem ma dawk illi għandna.

40.8.6 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill għandu jħallas madwar €17000 lil WasteServ. Dawn huma kontijiet illi ma ġewx imħallsin bejn 2009-2013 u fil-bidu ta' 2016. Issuġerixxa li nħalsu pagament ta' €1500 kull xahar sakemm inħalsu d-differenza. Żied illi sar riċerka u dawn l-ammonit ma ġewx imħallsin. Is-Sindku qal illi se jara ma xi ħadd rigward il-possibilità li dawn ma jitħallsux.

## 40.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

40.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni iżda ma kien hemm l-ebda diskors rigward dawn il-pagamenti peress illi nqabad diskors fuq suġġett ieħor qabel ma telqu l-kunsillieri.

## 40.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

40.10.1 Il-laqgħa intemmet fid-9.15pm u ġiet aġġornata għat-2 ta' Mejju 2017 fil-5.30pm

Konfermati, illum it-Tlieta 2 ta' Mejju 2017.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Conrad Borg Manche<br>Sindku | Anthony Attard<br>Segretarju Eżekuttiv |